# Qorti tal-Magistrati
# (Ghawdex)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali .

Magistrat : Dr. Paul Coppini LL.D.

Seduta ta' nhar it-Tlieta 26 ta' Marzu, 2002 .

Kumpilazzjoni Numru : 5/2002 .

Il-Pulizija
(Spettur Maurice Curmi)

VS

JOSEPH MARK JOHN BARTOLO ta' 30 sena, bin Augustine u Lorenza nee' Bigeni, imwieled New South Wales Awstralja fit-23 ta' April, 1971, u joqghod 5, Triq ix-Xaft, Xaghra, Ghawdex, Detentur tal-Karta tal-Identita' Numru : 8633 (A) .

Il-Qorti ,

Rat l-akkuza li permezz taghha l-istess Joseph Mark John Bartolo, kien gie akkuzat talli fit-3 ta' Frar, 2002, ghall-habta tas-2.30 ta' filghodu, fi Triq Marija Bambina, Xaghra, Ghawdex volontarjament ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' fuq karrozza tal-ghamla Alfa Romeo bin-numru tar-registrazzjoni GVP- 238 ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta, liema hsara hija ta' izjed minn mitt lira Maltin (Lm100) izda anqas minn elf lira Maltin (Lm1000), ai termini tal-Artikolu 325 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9, tal-Ligijiet ta' Malta ;

Akkuzat ukoll talli sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati, Ghawdex datati 28 ta' Mejju, 1991, u l-4 ta' Dicembru, 1996, liema sentenzai huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula .

Rat ukoll l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluza l-fedina penali ta' l-imputat .

Rat ukoll il-verbal tal-lum stess maghmul minn Dr. Anton Refalo ghall-imputat li jammetti l-akkuza kif maghmula .

Rat ukoll il-kunsens ta' l-avukat generali li jgib id-data tat-12 ta' Frar, 2002, li gie pprezentat fil-15 ta' Frar, 2002 mill-ispettur Maurice Curmi, u li permezz tieghu l-Qorti giet awtorizzata tipprocedi b'din il-kawza bi procedura sommarja .

Il-Qorti ghal hekk, u in vista ta' din l-ammissjoni ta' l-imputat, u fic-cirkostanzi partikulari kollha ta' dan il-kaz, tillibera lill-istess imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum .

(ft) Paul Coppini
Magistrat .

(ft) Francis Attard
Deputat Registratur

Verakopja

Ghar-Registratur
SK502(Pc)
291*